**28 ta' Jannar, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

Francis Butigieg

*versus*

Paul Laferla ne.

**Kompetenza — Valur — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Art. 175(1) u 762 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.**

*Il-liġi tagħti lill-Qorti l-fakoltà li, f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tordna jew tippermetti tibdil fl-iskritturi; basta li dan ma jkun ibiddel xejn fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni.*

*Ma jagħmelx differenza l-fatt li l-korrezzjoni tkun intalbet wara li tkun ġiet mogħtija l-eċċezzjoni u wara li tkun intalbet il-liberazzjoni.*

*Għaldaqstant, jekk l-attur ikun iddeduċa quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati domanda ta' valur indeterminat, u, wara l-eċċezzjoni tal-inkompetenza "ratione valoris", jitlob li jżid il-kliem "fil-kompetenza ta' din il-Qorti" wara l-kelma "somma", din l-addenda l-Qorti tista' tippermettiha; għax b'dik iż-żieda fl-avviż ma tiġix mibdula s-sustanza, u din tibqa' li kienet.*

Il-Qorti:— Rat l-avviż preżentat quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fis-16 ta' Settembru 1960 fl-ismijiet premessi, li bih l-attur talab il-kundanna tal-konvenut nomine biex jirrifondilu dik is-somma li tiġi likwidata, fil-każ ta' bżonn per opera ta' periti nominandi, in rifużjoni ta' ħlas ta' żewġ biljetti ta' ritorn minn Sirakusa għal Malta fuq li-"Star of Malta" — liema biljetti ma ġewx użati mill-attur u martu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine;

Rat il-verbal tal-11 ta' Ottubru 1960, tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, li minnu jirriżulta li l-konvenut nomine eċċepixxa l-inkompetenza ta' dik il-Qorti "ratione valoris", peress li

l-valur hu indeterminat fl-avviż, u li l-attur talab l-addenda tal-kliem "fil-kompetenza ta' din il-Qorti" wara l-kelma "somma", stante li bi svista ġew ommessi, kif irriżulta minn kopja tal-avviż li wera lill-Qorti;

Rat id-digriet tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tal-11 ta' Ottubru 1960, li bih dik il-Qorti ordnat dik il-korrezzjoni;

Rat ir-rikors tal-konvenut, li bih dan appella quddiem din il-Qorti mid-digriet fuq imsemmi, u talab li din il-Qorti tiddikjara irrita t-talba għall-korrezzjoni magħmula mill-attur wara l-eċċezzjoni tal-esponent nomine, tirrevoka, tħassar u tannulla d-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fil-11 ta' Ottubru 1960, fl-avviż fl-ismijiet premessi, u tir-rinvija l-atti tal-istess kawża quddiem l-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni tiegħu skond il-liġi; bl-ispejjeż kontra l-appellat;

Rat ir-risposta tal-appellat......;

Rat l-attijiet kollha tal-kawża u semgħet l-avukati, u kkunsidrat;

Illi fl-art. 175(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-liġi tagħti lill-Qorti l-fakoltà li, f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, tordna jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, basta li dan ma jkun ibiddel xejn fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċ-ċezzjoni. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenzi tagħha tat-23 ta' Ġunju 1924 in re "Formosa vs. Portelli", tal-ewwel ta' Ottubru 1926 in re "Pullicino vs. Grixti", u tas-7 ta' Frar 1938 in re "Sceberras Trigona vs. Beck" (Vol. XXX-I-37), ma jagħmelx differenza l-fatt li l-korrezzjoni tkun intalbet wara li tkun ġiet mogħtija l-eċċezzjoni u wara li tkun intalbet il-liberazzjoni, għax "la legge, nel permettere simili correzioni in qualunque tempo prima della sentenza, ha dovuto prevedere che in tale intervallo l'errore sia stato denunciato dalla parte avversa, senza che per ciò solo sia inibita nei congrui casi la facoltà alla Corte di ordinare o permettere la correzione";

Ikkunsidrat;

Illi biż-żieda fl-avviż permessa mill-Ewwel Qorti filbidu tas-smiegħ tal-kawża l-azzjoni tal-attur ma ġiet xejn mibdula fis-sustanza, għax baqgħet li kienet. Dik iż-żieda korrettorja, għalhekk setgħet issir għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur, u għalhekk għall-finijiet tal-kompetenza, konformement għal dak li wieħed b'analoġija għandu jargumenta mill-art. 762 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li, bħala kriterju għad-determinazzjoni tal-valur f'każ ta' valur inċert, jippermetti d-dikjarazzjoni tal-attur li huwa lest jaċċetta ċerta somma ta' flus. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti għamlet tajjeb li ppermettiet dik iż-żieda korrettorja u evitat moltiplikazzjoni inutili ta' proċedimenti u telf ta' żmien;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Il-Qorti tiċħad l-appell, tikkonferma d-digriet appellat u tordna li l-atti tal-kawża jerġgħu jinbagħtu quddiem l-Ewwel Qorti biex il-kawża titkompla;

L-ispejjeż tal-appell jitħallsu mill-appellant.